MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2615/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Johann Zammit**

**vs**

**Anthony Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1040.17) rappresentanti danni kkagjonati f'incident stradali li sehh fil-15 ta' Novembru 2001 fi Triq San Anard, Zejtun waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura JAI 906 habat gol-vettura ta' Johann zammit bin-numru ta' registrazzjoni ZIZ 002. Illi l-

ammont thallas mis-socjeta’ attrici nomine lill-assikurat taghhom Johann Zammit li huwa assikurat taht polza tip *Comprehensive*, li ghalhekk giet issurrogata fid-drittijiet ta’ l-istess assikurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ *invoices* u ricevuti relattivi ghall-ispejjez inkorsi ghat-tiswijiet tal-vettura ZIZ 002 assikurata mas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ elf u erbghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1040.17), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------